MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 74/1994/1

Michael Cefai u Domitilla konjugi Cefai

Vs

Dr Paul Coppini nominat li b’digriet tas-6 ta’ April 1994 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-wirt battal ta’ Martin Cefai u b’digriet tad-19 ta’ Novembru 2003 Dr Chris Said gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta l-wirt battal ta’ Martin Cefai minflok Dr Paul Coppini li gie elevat ghall-Magistrat u sostitwit bl-avukat Dr Jean Paul Grech.

Il-Qorti;

Permezz ta’ din il-kawza li giet prezentata fid-29 ta’ April 1994, l-atturi talbu dikjarazzjoni li ghandhom dritt ghall-hlas ta’ kumpens ghal servigi u ghajnuna li taw lil Martin Cefai mill-24 ta’ Mejju 1987 sad-data tal-mewt tieghu (17 ta’ Marzu 1992).

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-10 ta’ Mejju 1994, il-kuratur wiegeb li m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza.

Mill-atti jidher li l-avukat Dr Chris Said li ghalkemm m’ghadux jokkupa l-kariga ta’ kuratur ta’ l-ufficcju, baqa’ ma giex sostitwit. Ghalhekk il-qorti qeghda tinnomina lill-avukat Dr Jean Paul Grech bhala kuratur ta’ l-ufficcju in sostituzzjoni tal-kuratur precedenti.

Fil-meritu, jigi osservat li kontestwalment ma’ din il-kawza qeghda tigi deciza l-kawza fl-ismijiet **Eugenio Cefai proprio et nomine et vs Michael Cefai et** (Cit. nru: 172/1994), li hi *actio familiae erciscundae* u talba ghal legittima fir-rigward tal-wirt ta’ Martin Cefai. Ulied Martin Cefai kollha rrinunzjaw ghall-wirt tieghu. Din il-kawza imxiet flimkien mal-kawza fuq imsemmija, u l-provi kollha ngabru fil-kawza l-ohra. F’dik il-kawza l-qorti diga’ kellha l-opportunita’ li tittratta l-materja ta’ servigi. M’hemmx dubju li mill-provi rrizulta li l-atturi ghamlu snin jiehdu hsieb lil Martin Cefai. Fil-fatt huma kien marru jghixu mieghu. L-attrici xehedet: *“Konna naghmlulu kollox, nahslulu, ingorruh fejn irid imur. Ghall-bidu ma konniex norqdu mieghu izda wara l-1983 bdejna norqdu mieghu ghaliex kien jiddejjaq wahdu. Konna naghmlulu kull bzonn.”*. Madankollu ghar-ragunijiet li diga’ nghataw fil-kawza fuq imsemmija, liema ragunament qieghed a skans ta’ hafna ripetizzjoni jigi addottat *mutatis mutandis*, il-qorti ser tichad it-talba ta’ l-atturi. Il-qorti m’ghandix dubju li kull dritt ghal hlas ta’ servigi li talvolta seta’ kien hemm gie sew kumpensat u ghalhekk l-ebda kumpens iehor mhu dovut.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet ta’ l-atturi. Spejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet, b’dan li d-dritt tal-kuratur ghandhom jaghmlu tajjeb ghalih l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------